## Messaġġ mill-Viċi President

# Parti oħra mill-istorja tal-Banda San Gejtanu



**❄ Meta tiġi biex tikteb fuq l-istorja tal-każin, wieħed bilfors jrid imur fuq dak li kienu kitbu l-istoriċi, fosthom P.P.Castagna, Arturo Caruana u Segmond. Dan it-tagħrif ksibtu minn numru kunsiderevoli ta' ġurnali ta' l-epoka. Dan minħabba li sfortunatament l-arkivji ta' l-Għaqda huma nieqsa minn dan il-materjal storiku.**

Barra minn hekk, wieħed irid jeżamina fil-fond kif għaqdiet filarmoniċi oħra waslu għal ċertu konklużjonijiet jew inkella kif iltqajt ma' ċertu materjal li wara tħalla barra minn kotba li jkunu ppubblikaw fl-okkażjoni taċ-ċentinarju jew egħluq xi anniversarju mportanti tagħhom.

Meta sar it-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-parroċċa Ħamruniża, din mill-ewwel ġiet iddedikata lil San Gejtanu, Patrun tal-Għaqda tagħna u tal-Ħamruniżi kollha. Insibu li għal din l-okkażjoni daqqet banda *(L'Ordine, 17/6/1869)*. Jekk wieħed jirreferi għal għaqdiet oħra, dawn jaslu għal konklużjoni li la darba ħadet sehem banda, din kienet l-ewwel darba li huma daqqew ***(Programm Banda San Nicola Isouard, 1871/1971)***.

Insibu għaqdiet oħra li għax l-orkestra tal-knisja kienet iġġib l-isem tar-raħal, allura din kienet serviet sabiex tinħoloq l-għaqda tagħhom ***(Soc. Santa Caterina Zurrieq, A. Mangion, K. Farrugia)***. Naf b'każi oħra fejn għax is-surmast kien hu li għallem, dawn ukoll jieħdu din id-data għat-twaqqif tagħhom ***(Soc. Santa Caterina Zurrieq, A. Mangion, K. Farrugia)***. Hemm għaqdiet oħra li biddlu kemm-il darba l-isem tagħhom iżda xorta jsostnu li twaqqfu fl-ewwel data ***(125 Anniversarju, Peace Band, Naxxar)***.

Hemm oħrajn li, meta qamet il-kwistjoni tat-Tombla, l-aħjar mezz ta' dħul finanzjarju għall-baned Maltin u Għawdxin, ma jidhrux fil-lista ta' baned li ġiet imqegħda fuq il-mejda tal-Kunsill (Parlament) mis-supretendent (illum Kummissarju tal-Pulizija) iżda xorta jsostnu llum li għandhom 'il fuq minn mitt sena ***(Risorgimento, 20/4/1894; Il-Verità, 28/4/1894)***. Hemm imbagħad ċerti baned li twaqqfu għal żmien qasir iżda meta wara reġgħu twaqqfu, xorta baqgħu jġibu l-ewwel data ***(Għaqda Marija Annunzjata, V. Battistino, 1862/1987)***.

Hawn tqum kwistjoni oħra. Skond l-istoriku P.P.Castagna l-ewwel banda fil-gżejjer Maltin twaqqfet minn Indri Borg fl-1860. Dan il-fatt storiku llum qed jiġi dibattut ***(Storja ta' Malta u Gżejjer Tagħha, P.P.Castagna, Paġni 247-248)***. Hemm storiku ieħor li fl-1905 irrefera għal fatt kif ċerti baned twaqqfu, xoljew u wara reġgħu twaqqfu iżda mbagħad baqgħu jġibu l-ewwel data ***(Storia ta' Malta, Arturo Caruana, Paġna 449)***.

Kieku l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kellha tirraġuna bħal l-għaqdiet l-oħra,

allura la fit-tberik u tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-parroċċa San Gejtanu fl-1869 daqqet banda, din id-data turi meta twaqqfet. Biss hemm ċertu affarijiet li juru li dan ma kienx il-fatt. Per eżempju, il-knisja ġiet imbierka u dedikata lil San Gejtanu fl-1875 filwaqt li damet sitt snin oħra sabiex saret Parroċċa fl-1881.

Barra minn hekk Dun Fortunato Valletta, li diġà kien qiegħed jaħdem fil-Ħamrun 25 sena qabel ma nbdiet tinbena l-knisja, laħaq kappillan tal-parroċċa San Gejtanu fl-1884 wara li ndaħlet il-Kurja Suprema ta' Ruma ***(L'Ordine, 20/2/1884).*** Dun Fortunato Valletta kien jieħu ħsieb il-poplu mill-Bieb tal-Bombi sal-Bieb ta' Fleur De Lys; mill-Marsa sa Porto Nuovo u mill-Pietà sal-Knisja tad-Duluri. Dan meta hu ma kellu l-ebda mezz ta' trasport.

Bħala l-ewwel Festa solenni ta' San Gejtanu, din ġiet iċċelebrata fl-1882 ***(Corriere Mercantile Maltese, 8/8/1882)*** iżda l-ewwel festa kbira, li bħala kienet għadha qatt ma saret, ġiet ċelebrata fl-1893 ***(The Malta Times & United Services Gazzette, 11/8/1893).*** Hawn sar il-ħolqien tal-Banda San Gejtanu mis-surmast Ħamruniż Edwardo Farina li tant kellu għal qalbu dan il-qaddis.

Hu kien l-ewwel għalliem tal-Filarmonika San Giuseppe ***(Leħen is-Sewwa, 30/8/1939)*** iżda jidher li kienx qabel ma' l-isem li ngħata lil din il-banda. Fatt importanti li wieħed irid jiftakar hu li l-Filarmonika San Giuseppe daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' San Gejtanu fl-1892, minkejja li twaqqfet fl-1889.

Hawn ta' min jgħid li Mro. Edwardo Farina kien Maestro di Cappelia tal-Ħamrun, Furjana u Msida. Mro. Farina kellu wkoll ħanut fil-Belt Valletta li kien jbiegħ dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mużika. Hu kien ukoll surmast tal-banda ta' l-Imqabba fl-1887 ***(Programm Każin King Ġorġ V, 1985).*** Hu kien ġie mgħallem mis-surmastrijiet Taljani De Ferris u Favi.

Prova oħra tal-kapaċità li kellu Mro. Edwardo Farina narawha meta ftit wara li kien beda jgħallem, hu kien kapaċi jtella' l-ewwel programm mużikali tal-banda nhar San Pawl fil-25 ta' Jannar, 1894 ġewwa Pjazza San Pawl, Ħamrun ***(Il-Verità, 3/2/1894; Il-Ħabbar, 1/2/1894).*** Prova oħra ta' l-imħabba li hu u l-alljievi tal-Banda San Gejtanu kellhom lejn il-patrun tal-Ħamruniżi ġej mill-fatt li waqt il-programm indaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku l-Innu lil San Gejtanu, kompożizzjoni ta' l-istess Mro. Farina.

Dakinhar il-Banda daqqet ħames kompożizzjonijiet ta' Mro. Farina, kif ukoll l-Innu Marċ ta' l-Aida miktub minn Giuseppe Verdi ***(Gazzetta de Malta Corriere Mercantile Maltese, 23/1/1894).*** **Dan jikkonferma l-fatt li l-Filarmonika San Gejtanu kienet l-ewwel banda Ħamruniża li daqqet innu ddedikat lill-patrun tal-Ħamruniżi kollha.**

Matul l-1894, il-Filarmonika San Gejtanu daqqet f'diversi servizzi, fosthom fil-konsagrazzjoni tal-knisja tal-Imsida u l-festa ta' San Ġużepp fl-14 ta' April; fil-festa ta' San Ġwann fl-24 ta' Ġunju fi Pjazza San Pawl, il-Ħamrun; fil-festa ta' San Duminku ħdejn il-Katidral ta' San Ġwann fit-3 u 4 ta' Awissu; l-Imsida, Pjazza Palma, fil-5 ta' Awissu, kif ukoll fil-festa ta' San Gejtanu fis-6 u 7 ta' Awissu. Il-banda kellha ddoqq ukoll f'Novembru iżda kien miet Andrea Pugliesevich u għalhekk is-servizz li kellha tagħmel tħassar ***(Public Opinion; Gazzette de Malta; Il-Ħabbar; Il-Verità; The Malta Times & Untitled Services Gazzette, 1894).***

Sena wara, fl-1895, waħda mill-festi kbar li saru f'pajjiżna kienet dik meta l-Ordni Karmelitana u l-Knisja ddedikata lilha ngħatat it-titlu ta' Bażilika lill-Madonna tal-Karmnu l-Belt. Dakinhar kienet daqqet il-Banda San Gejtanu ***(Malta Tagħna,***

***17/7/1895; Public Opinion, 13/7/1895; La Stella Lavantina, 20/7/1895; The Malta Times & Untitled Services Gazzette, 12/7/1895).*** Fl-istess sena miet il-Kappillan Dun Fortunato Valletta u l-banda ħadet sehem fil-funeral tiegħu ***(La Stella Levantina, 30/11/1895).***

Fl-1896 nsibu li fit-teatru San Gaetano l-kumpanija "La Nuitrale" tellgħet dramm li kien jismu **Dun Gaetano Mannarino** ***(Malta Tagħna, 17/10/1896).*** Fl-istess sena bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Gejtanu laħaq Dun Giacomino Grech ***(Malta Tagħna, 1/4/1896).*** Kienet saret talba sabiex tinbena skola filwaqt li l-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet madwar 12,000 ***(Mannarino, 7/11/1896).*** Is-sena ta' wara reġa' kien fl-aħbarijiet it-teatru San Gejtanu ***(Malta Tagħna, 4/8/1897)***, mill-ġdid saret talba għall-bini ta' skola u sabiex jiġi nstallat is-servizz tad-dawl ***(Malta Tagħna, 20/10/1897).***

Fl-istess sena laħaq kappillan Dun Giuseppe Muscat ***(The Malta Times & Untitled Services Gazzette, 9/4/1897)*** u fil-festa tad-Dutrina f'Birkirkara ħadet sehem banda Ħamruniża ***(The Malta Times & Untitled Services Gazzette, 4/6/1897).*** Fl-1898 insibu li fil-festa ta' Corpus kien tfaħħar il-kleriku Luigi Farina, it-tifel il-kbir ta' Mro. Edwardo Farina ***(Malta Tagħna, 15/6/1897).*** Barra minn hekk Mro. Farina kien waqqaf il-Banda Victory tax-Xagħra, Għawdex. Minn diversi kitbiet sibt diversi dati għat-twaqqif ta' din il-banda iżda l-vera data hi l-1900 ***(Ix-Xagħra, Vol. VIII Nru. 4, Paġni 4 u 5; Grazio A. Grech, Programm Victory, Xagħra, 1934/1984 u Kopja Mgħoddija lili mis-sur Lawrence Camilleri, Xagħra).***

Fl-1899 kien reġa' ittella' id-dramm **Dun Gaetano Mannarino** ***(Malta Tagħna, 5/8/1899)*** filwaqt li sena wara niltaqgħu mas-surmast l-ieħor Chev. Vincenzo Carabott u l-Filarmonika **Enterpe** ***(Malta Tagħna, 7/12/1901)*** li sa issa qatt ma ġiet ikkwotata fil-Ħamrun.

Kien fl-1906 wara l-festa ta' San Publiju f'Mejju li ttieħdet deċiżjoni li ħafna mill-membri tal-Filarmonika San Giuseppe ma qablux magħha. B'hekk saret il-qasma u fil-festa ta' San Ġwann, fl-1906, reġgħet twaqqfet l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu biex timla l-vojt li kien ilu jinħass.

Dak iż-żmien inkitbu diversi ittri biex il-pulizija jieħdu passi kontra dawk in-nies li kienu qed jiltaqgħu fit-triq u għalhekk il-fundaturi ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu malajr akkwistaw lokal, erba' bibien isfel mill-Palazz Thiene tal-lum. Fit-3 ta' Awissu 1906 stiednu lil kulħadd għall-ftuħ tal-każin, inkluż il-kumitat tal-Filarmonika San Giuseppe. Fil-każin ittella' programm il-Ħadd ta' qabel il-festa.

Lejliet il-festa ttella' programm ieħor u dakinhar il-banda San Gejtanu kienet taħt it-treġija tas-surmast Sgt. Drummer u Bandmaster 1st. K.O.M.R. Joseph Sammut. Kien indaqq l-Innu lil San Gejtanu, kompożizzjoni tas-surmast Sammut. Dakinhar tal-festa, il-Ħadd filgħodu, sar il-marċ tradizzjonali ***(Malta; Malta Tagħna; The Daily Malta Chronicle, Awissu 1906)*** **u mhux kif ġieli nkiteb li l-banda daqqet fil-festa sena wara t-twaqqif tagħha.**

F'dan l-ispazju limitat li kelli nispera li tajt informazzjoni nteressanti dwar l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li aħna tant inħobbu. Nagħlaq il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-festa tajba lill-Ħamruniżi kollha u j'Alla l-festa li se niċċelebraw tagħmel unur lill-Ħamrun kollu.

**Horace Muscat,**
**Viċi-President.**